**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
Frar 2018

IS-SITT SENA | Il-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | Il-ĦIN: 30 minuta

L-Iskema tal-Marki

**L-Ewwel Silta**

**Ix-Xogħol tan-Newwieħa**

**Taħriġ A** **(5 marki)**

**Immarka b'sinjal (✓) il-kaxxa biex tgħid jekk hux VERU, FALZ jew MA SSEMMIETX.**
*Agħti marka għal kull tweġiba tajba.*

| | | VERU | FALZ | MA SSEMMIETX |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Ix-xogħol tan-newwieħa kienu jidħlu għalih għadd ta' rġiel u nisa. | | ✓ | |
| 2. | Meta kien imutilhom xi ħadd, nies li kienu jifilħu jħallsu, kienu jqabbdu lin-newwieħa. | ✓ | | |
| 3. | In-newwieħa kienu jmorru fil-kċina u jħabbtu bil-kuċċarun ma' xi borma bħala sinjal ta' disperazzjoni. | | | ✓ |
| 4. | Kienu jaqtgħu xi frieghi mill-pjanti bħala tifsira tal-mewt. | ✓ | | |
| 5. | Is-sidien kienu jħallu lin-newwieħa jduru mad-dar kollha. | | ✓ | |

**Taħriġ B** **(5 marki)**

1. Fl-antik, meta kien imut xi ħadd,
   **b) xi nisa kienu jitħallsu biex inewħu.**
2. In-newwieħa kienu
   **a) jqattgħu xagħarhom bid-disperazzjoni.**
3. Il-libsa tan-newwieħa kienet tkun
   **b) twila u sewda b'mant twil ikaxkar mal-art.**
4. Malli jidħlu fid-dar kienu
   **ċ) jaqilbu l-kzazel u l-borom rashom 'l isfel.**
5. *"igermdu"* tfisser li t-twieqi u l-bibien
   **a) kienu jħammġuhom bil-ġmied.**

**It-Tieni Silta**

**Il-Karozza s-Safra**

**Taħriġ A** **(5 marki)**

**Imla l-vojt b'kelma mis-silta.**

*Agħti marka għal kull tweġiba tajba. Tnaqqasx marki għall-iżbalji tal-ortografija.*

Christina u Daniel kienu joqogħdu ***faċċata*** ta' xulxin.

It-tfal ma kellhomx ***ħuthom*** u kienu saru ħbieb ħafna.

Waqt li kienu qegħdin jilagħbu fl-għelieqi lemħu ***għar***.

Dan kien moħbi wara siġra tal-***ballut***.

Meta t-tfal sabu ruħhom fl-ispazju, lemħu d-dinja kaħla qisha boċċa tal-***irħam***.

**Taħriġ B** **(5 marki)**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** L-ewwel waħda hija eżempju.

**Kolonna A**

| | |
|---|---|
| *1* | *Mit-Tnejn sal-Ġimgħa, it-tfal...* |
| 2 | Ħadu x'jieklu u x'jixorbu magħhom u |
| 3 | Marru bir-rota biex |
| 4 | F'nofs l-għar kien hemm |
| 5 | Christina poġġiet bilqiegħda |
| 6 | Il-karozza s-safra bdiet togħla 'l fuq |

**Kolonna B**

| | |
|---|---|
| 3 | jaslu aktar malajr. |
| 5 | fil-karozza u bdiet iddawwar l-*isteering*. |
| 2 | Daniel ġab ukoll torċ. |
| *1* | ***kien ikollhom ix-xogħol tal-iskola.*** |
| 4 | karozza safra antika. |
| 6 | u t-tfal sabu ruħhom fl-spazju. |

**TMIEM Il-KARTA**